DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2018/1970

tal-11 ta' Diċembru 2018

li temenda u testendi d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/412 li tawtorizza lill-Istati Membri jipprevedu deroga temporanja minn ċerti dispożizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill 2000/29/KE f'dak li għandu x'jaqsam mal-injam tal-fraxxnu li joriġina fil-Kanada jew li huwa pproċessat hemmhekk

(notifikata bid-dokument C(2018) 8240)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2000/29/KE tat-8 ta' Mejju 2000 dwar il-miżuri protettivi kontra l-introduzzjoni ġewwa l-Komunità ta' organiżmi ta' ħsara għall-prodotti tal-pjanti u kontra t-tixrid tagħhom ġewwa l-Komunità ([1]), u b'mod partikolari l-ewwel inċiż tal-Artikolu 15(1) tagħha,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/412 ([2]) awtorizzat lill-Istati Membri biex jipprevedu deroga temporanja mill-Artikolu 5(1) tad-Direttiva 2000/29/KE flimkien mal-punt 2.3 tat-Taqsima I tal-Parti A tal-Anness IV ta' dik id-Direttiva għal rekwiżiti speċjali fir-rigward tal-introduzzjoni fl-Unjoni tal-injam tal-fraxxnu (*Fraxinus* L.) li joriġina fil-Kanada.

(2) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/412, estiża bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2180 ([3]), tiskadi fil-31 ta' Diċembru 2018. Fid-dawl tal-esperjenza miksuba waqt l-applikazzjoni tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/412 u abbażi tal-informazzjoni miksuba waqt l-awditu tal-Kummissjoni fil-Kanada f'Ġunju 2018, jixraq li jkomplu japplikaw ir-rekwiżiti tagħha skont din id-Deċiżjoni.

(3) Għaldaqstant, jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/412 tiġi estiża sat-30 ta' Ġunju 2020 sabiex tiġi rieżaminata abbażi ta' żviluppi xjentifiċi u tekniċi ġodda.

(4) Abbażi tal-informazzjoni miksuba waqt awditu mill-Kummissjoni fil-Kanada f'Ġunju 2018, u tal-informazzjoni mogħtija mill-Organizzazzjoni Nazzjonali tal-Kanada għall-Protezzjoni tal-Pjanti, jixraq li jenħtieġ li jiġu stabbiliti kundizzjonijiet speċifiċi fir-rigward tal-awditjar tar-rekords u tal-proċeduri, u tat-tikkettar, tal-ispezzjonijiet qabel it-tagħbija u tal-monitoraġġ tal-postijiet approvati fejn jisserraw l-injam.

(5) Għaldaqstant, jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/412 tiġi emendata skont dan.

(6) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Emendi tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/412

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/412 hija emendata kif ġej:

(1) L-Artikolu 2(2)(b) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(b) in-numru/numri tal-lott(ijiet) li jikkorrispondi/jikkorrispondu għal kull lott speċifiku li jiġi esportat;"

([1]) ĠU L 169, 10.7.2000, p. 1.

([2]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/412 tas-17 ta' Marzu 2016 li tawtorizza lill-Istati Membri jipprevedu deroga temporanja minn ċerti dispożizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill 2000/29/KE f'dak li għandu x'jaqsam mal-injam tal-fraxxnu li joriġina fil-Kanada jew li huwa pproċessat hemmhekk (ĠU L 74, 19.3.2016, p. 41).

([3]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2180 tas-16 ta' Novembru 2017 li testendi l-perjodu ta' validità tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/412 li tawtorizza lill-Istati Membri jipprevedu deroga temporanja minn ċerti dispożizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill 2000/29/KE f'dak li għandu x'jaqsam mal-injam tal-fraxxnu li joriġina fil-Kanada jew li huwa pproċessat hemmhekk (ĠU L 307, 23.11.2017, p. 57).

(2) Fl-Artikolu 5, "fil-31 ta' Diċembru 2018" huwa sostitwit bi "fit-30 ta' Ġunju 2020."

(3) L-Anness huwa emendat kif ġej:

(a) Fil-punt 2(c), jiżdied il-paragrafu li ġej:

"Fil-każ li dawn l-awditi jitwettqu minn aġenzija approvata mis-CFIA, is-CFIA trid twettaq l-awditi ta' din il-ħidma kull sitt xhur. L-awditi kull sitt xhur għandhom jinkludu l-verifika tal-proċeduri u tad-dokumentazzjoni tal-aġenzija u l-awditi f'faċilitajiet approvati;"

(b) Il-punt 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"L-injam speċifikat maħsub għall-Unjoni jrid jiġi spezzjonat mis-CFIA, jew minn aġenzija approvata mis-CFIA, qabel l-esportazzjoni, sabiex jiġi żgurat li r-rekwiżiti stabbiliti fil-punti 1 u 3 jkunu ssodisfati."

Artikolu 2

Destinatarji

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, il-11 ta' Diċembru 2018.

Għall-Kummissjoni
Vytenis ANDRIUKAITIS
Membru tal-Kummissjoni